**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Ivan Portelli**
**V**

**MATTHEW BORG**
**MICHAEL SULTANA**

**Illum, 9 ta' April, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **MATTHEW BORG** ta' tlettax il-sena bin Raymond u Miriam nee Degiorgio, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta' Marzu, 1987 u joqghod 3, 'Raymar', Triq Sant'Antnin, Hamrun u **MICHAEL SULTANA** ta' sittax il-sena bin Anthony u Monica nee Mascari, imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' April, 1985 u joqghod 75, Triq Stefano Zerafa, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 221484M gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn il-hmistax ta' Settembru, 2000 u s-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru, 2000 ffalsifikaw ordni jew

dokument u cioe karta tal-identita li ggib in-numru 221484M liema dokument meta jigi ppresentat wiehed jista jircievi bih hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern

**MATTHEW BORG wahdu** gie akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dan d-dokument ffalsifikat.

**MATTHEW BORG u MICHAAEL SULTANA flimkien** gew akkuzati talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu marka jew dhul jew hassru jew kkancellaw jew biddlu jew issostitwew xi marka jew dhul maghmul fuq dan l-imsemmi dokument.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn u ghoxrin ta' Frar, 2001.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 11 u 14 tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Dwar il-piena, il-Qorti ezaminat l-istqarrija tal-imputati u cioe d-dokumenti CSH 5 u CSH 6 esibiti fl-atti u mid-dokument CSH 5 jirrizulta li Matthew Borg kien issellef l-karta tal-identita ta' Michael Sultana u biddel r-ritratt sabiex minflok dak ta' Matthew Borg pogga tieghu sabiex b'hekk ikun jista jidhol f'disco u fil-fatt stqarr li dahal fid-disco darba biss.

Illi minn ezami tad-dokument CSH 6 jirrizulta li Michael Sultana wkoll stqarr li huwa kien ta l-karta tal-identita tieghu lil Matthew Borg sabiex jpoggi r-ritratt tieghu u b'hekk ikun jistghu jidhlu fid-disco flimkien.

Illi jidher bic-car li l-imputati kienu genwini f'dak li stqarru fl-istqarrija taghhom u dak li ghamlu ghamluh bhala rizultat ta' bluha.  Jidher li l-imputati ghadhom tfal ghalkemm Michael Sultana ghandu sittax il-sena u agixxew b'mod immatur u b'sens ta' avventura.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali taghhom li hija wahda nadifa u minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

**Ghalhekk fil-cirkostanzi, ghalkemm il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputati MATTHEW BORG u MICHAEL SULTANA hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom ma thossx li ghandha tkun rigida maghhom fil-piena u konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 qed tilliberhom skond l-artikolu 9 tal-Kap 152 ghal perjodu ta' sitt xhur bil-kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor tul dan l-istess perjodu ta' sitt xhur.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**